MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2005

Avviz Numru. 742/1998/1

**George Bonnici u John Bonnici ghan-nom ta' Middle Sea Insurance Co. Ltd kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Kenneth Zammit**

**Vs**

**Norman Pace Axiak**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur et nomine talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess attur et nomine s-somma ta' erbgha mija u hamsa u tletin lira ta' Malta u erbghin centezmu (Lm435.40) danni sofferti mill-assikurat taghha Kenneth Zammit bhala rizultat tal-incident awtomobilistiku li gara fit-3 t'Ottubru 1997 ghall-habta tas-6.15p.m. go Regional Road bejn il-karrozza numru FAW-631 Skoda misjuqa mill-konvenut u dik misjuqa mill-imsemmi Kenneth Zammit numru RST 002 Escort liema incident gara unikament b'tort, negligenza, u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-

traffiku da parti tal-konvenut. Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficjali pprezentata ma' l-avviz kontra s-socjeta' assikuratrici tal-konvenut u bl-imghax legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzojnijiet tal-konvenut (fol 6 ibid) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi t-talbiet ta' l-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi l-eccezzjoni mertu ta' din il-kawza grat unikament b'tort u htija ta' Kenneth Zammit, l-assikurat ta' l-atturi, u dan kif ser jigi pruvat waqt is-smiegh tal-kawza.
2. Salvi eccezzjonijet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment in–noti rispettivi tal-partijiet minn fol 54 ibid.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, f'dan il-kaz, skond kif xehed <u>PS78 Joseph Cremona</u> (fol 13 et seq ibid) waqt li kien fl-ghassa tal-Pulizija tal-Imsida, kienu gew flimkien il-partijiet involuti f'dan l-incident fid-data ta' meta dan gara u dan sabiex jirraportaw l-incident in esami.

Minhabba hekk hu ma setax jmur fuq il-post tal-incident u, konsegwentement, oltre li irrediga <u>rapport</u> (fol 18 ibid) tal-istess incident a basi ta' dak li stqarrew mieghu l-istess partijiet, hu kien ghamel ukoll <u>skizz immaginarju</u> (fol 20 ibid) xi tlett ijem wara, meta kien di gja hareg kopji tal-istess skizz, kien gie ghandu l-konvenut, is-sewwieq tal-karozza tal-marka 'Skoda' minn FAW 631, u informah illi l-vettura misjuqa minnu '… ma kienetx kif murija fuq l-iskecc, cioe bejn il-'line' izda kienet aktar vicina l-vettura l-ohra, aktar vicin l-slow lane. Pero x-xhud ma kienx ghamel xi tibdil fl-istess skizz u kien hallieh kif kien ghamlu originarjament u kif esebit f'dawn l-atti. Dwar il-<u>lokalita</u>' x-xhud spjega li dan l-incident, skond kif gie informat, kien sehh fit-'tunnels' li hemm fit-triq in kwistjoni 'inti u gej minn Paceville lejn l-Imsida, specifikatament fit-'tunnel' tax-xellug li hi maqsuma f'zewg karreggjati, b'linja bajda kontinwa fin-nofs. Dan jfisser li fl-istess 'tunnel'

vettura ma tistax tmur minn karreggjata ghall-ohra. Inoltre qabel ma tidhol fiha hemm sinjal ma ohrajn ta' divjet ta' sorpassar. Fl-ahhar nett tal-istess 'tunnel' hemm nizla fuq ix-xellug li minnha tinzel lejn is-Savoy. In rigward l-iskizz immaginarju msemmi, jigi notat li l-vettura tal-konvenut tinsab fuq il-linja medjana kontinwa hawn fuq imsemmija waqt li dik misjuqa minn Kenneth Zammit tinsab, kollha kemm hi, fil-karreggjata maghmufa bhala l-'inner' jew is-'slow lane'.

Ikkunsidrat

Illi Kenneth Zammit (fol 37 ibid) li kien qed jsuq il-karozza numru RST 002, xehed illi hu kien fuq il-karreggata interna u meta dahal fl-imsemmija 'tunnel', quddiemu kien hemm 'truck' tal-konkos, madwar mitejn metru l-boghod minnu. Hawnhekk, karozza ohra kienet giet minn naha tal-lemin tieghu, qasmet l-imsemmija linja medjata kontinwa, u giet quddiemu. Minhabba hekk hu kien dawwar l-'steering' lejn ix-xellug ghafas il-'brake' u laqat, b'mod hafif, il-bankina. Cjononostanti, l-karozza l-ohra, misjuqa mill-konvenut, xort wahda, laqtet il-genb tal-lemin tal-karozza misjuqa minnu specifikatament il-'mudguard'. Meta waqaf hu ra li l-karozza l-ohra kieent angolata ma' dik tieghu u 'kienet fuq il-'lane' tieghi'. Inoltre ra, ukoll, li l-vettura misjuqa mill-konvenut kellha hsara (jidhirli') fuq ix-xellug taghha bejn il-mudguard' ta' quddiem u l-bieba tal-passiggier. In kontroesami, hu sahaq illi l-ewwel darba li ra l-vettura l-ohra kien meta din kienet ma genbu tal-lemin '…. U daret ghal fuqi' lejn ix-xellug waqt li cahad li l-istess vettura kienet quddiemu u 'jiena pprovajt naqlaghha minn fuq in-naha ta' gewwa taghha'.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut (fol 42 et seq ibid) jsostni, ukoll, illi meta dahal fl-istess 'tunnel' hu kien qed jsuq 'f'nofs il-'lane' tax-xellug 'mal-hajt' izda lejn in-naha ta' fejn hemm il-linja bajda kontinwa gja msemmija anzi xi tlett pulzieri boghod minnha. Hawnhekk, hu jsostni illi kien hares fuq ix-xellug tieghu u ra l-karozza l-ohra "qed tipprova taqbizni minn gewwa'. L-istess karozza laqtitu fuq il-'mudgard' ta' wara

tax-xellug sa nofs il-bieba tal-passiggier. Dwar dan, il-konvenut testwalment qal 'il-karozza tal-attur rreggat ruhha bejn tieghu u l-bankina fuq ix-xellug tieghu'. Hu kompla jghid illi ma kienx minnu li l-karozza tieghu spiccat fuq il-continous white line' kif hemm indikat fl-imsemmi skizz immaginarju. Hawnhekk il-konvenut esprima l-opinjoni illi, wara li kien ra id-distanza bejn ix-xifer tal-bankina msemmija u l-linja medjana mpingija f'nofs it-triq hu kien sab li '…jekk il-karozza tieghu u l-karozza tieghi kienu joqghodu ma' gemb xulxin pero' fuq l-istess 'lane', kien jkun hemm spazju ta' bejnietna ta' madwar tlett pulzieri' u b'hekk '….. zewg karozzi setghu joqghodu ma genb xulxin fuq l-istess lane'. In kontroesami hu kien qal illi mill-bidu tat-'tunnel' hu kien di gja xeghel l-'indicator' lejn ix-xellug sabiex juri li kien fl-ahhar tal-istess 'tunnel' jinzel dik in-nizla li taghti ghas-Savoy, di gja msemmia (dwar il-hsarat fuq il-vettura tal-konvenut ara z-zewg ritratti annessi a fol 46 ibid).

Illi l-konvenut ipproduca bhala xhud martu, Victoria Pace Axiaq (fol 48 u 49 ibid) kif ukoll lil bintu Nicolette Diacono (fol 50 u fol 51 ibid). Dawn, fis-sustanza, xehdu u kkonfermaw dak li kien di gja, ntqal mill-konvenut anke bl-uzu tal-kliem 'wedged' u 'iweggjat'.

Ikkunsidrat

Illi kif jidher, mill-premess, il-Qorti tinsab rrinfaccata b'zewg versjonijiet tal-fatti altament konfliggenti bejniethom kif ukoll skizz li sar b'mod immaginarju ghar-raguni hemm fuq premessa. Ghalhekk il-Qorti rat jekk hemmx xi provi ohrajn li huma kredibbli u verosimili sabiex tiddeciedi liema minn dawn il-versjonijet tirrispekkja dak li verament gara f'dan il-kaz. Ghal dan il-ghan, gew analizzati is-survey reports' maghmulin fuq iz-zewg vetturi involuti minn John Callus (fol 26 u 27) u mix-xhieda ta' dan u mill-istess ' survey reports' gie konfermat illi l-hsarat fuq iz-zewg vetturi kien fuq il-gnub taghhom, b'dawk tal-assikurat tas-socjeta attrici fuq il-lemin u b'dawk tal-konvenut fuq ix-xellug. Pero ma' jidhirx li tali hsarat jistghu jkunu ta' ghajnuna ghall-ghan premess.

Illi l-Qorti tara li l-prova li turi li Kenneth Zammit xehed b'mod veritjier ghandha tkun dak li xehed il-konvenut meta esprima l-opinjoni u eskogita l-ipotesi illi zewg karozzi ma' genb xulxin setghu jinsaqu fuq l-istess karregjata, dik interna. Hawnhekk il-konvenut donnu ried li l-Qorti temmen illi l-vettura misjuqa minnu kienet kollha kemm hi, fuq din il-karreggjata u li Kenneth Zammit ghamel tentattiv li jissorpassah billi jsuq il-vettura tieghu bejn il-bankina u dik misjuqa mill-konvenut. Ghal ragunijiet ovvji u lampanti,dan ma jistax jitwemmen. Anzi dan jindika li, filfatt, il-vettura misjuqa mill-konvenut kienet, jew, totalment fuq il-karreggjata esterna jew parti fuq din u parti fuq dik interna. In vista li hu kien intenzjoniat illi jinzel in-nizla lejn is-Savoy, jidher li hu xeghel l-indicator lejn ix-xellug u dawwar il-karozza misjuqa minnu lejn din id-direzzjoni minghajr ma jara u jaccerta ruhu li ma kienx hemm traffiku iehor ma genbu fuq ix-xellug. Ghalhekk a basi tal-premess, jista jigi konklus illi din il-manuvra esegwita b'mod negligenti da parti tal-konvenut ghandha, tigi konsiderata bhala l-kawza unika ta' dan l-incident u b'hekk ir-responsabilta delittwali tal-istess incident trid tigi akkollata lilu.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi dwar il-'quantum' ta' danni oltre li ssir referenza ghas-'survey report' a fol 26 tal-atti, u ghal dak li xehed <u>Charles Zammit</u> a fol 33, ibid, l-istess ammont ma jidhirx li gie, b'xi mod, kontestat. Ghalhekk l-ammont mitlub ghandu jigi accettat minn din il-Qorti.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjoni sottomessa mill-konvenut tilqa' t-talbiet attrici u

1. Tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghal dan l-incident u dan minhabba tort negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut.
2. Tillikwida l-ammont ta' danni fis-somma ta' Lm435.40 u;
3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-atturi nomine s-somma ta' <u>Lm435.40</u> bl-imghax legali mis-16 ta' April 1998 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes

inklusi dawk tal-ittra ufficjali tas-16 ta' April 1998, imsemmija fl-istess avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------